Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8492 — Quaker/Global Houghton)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 48/08)

1. Fit-2 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet motifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u b'segwitu għal referenza għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Quaker Chemical Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka), ("Quaker");

— Global Houghton Ltd (l-Istati Uniti tal-Amerka) ("Houghton"), ikkontrollata minn Gulf Houghton.

Quaker takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Houghton.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Quaker: involuta fl-iżvilupp u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti kimiċi ta' speċjalità fformulati skont il-ħtieġa. Quaker hija fornitur dinji ta' fluwidi tal-proċess, prodotti kimiċi ta' speċjalità u għarfien espert tekniku għal firxa wiesgħa ta' industriji.

— Houghton: involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ġestjoni ta' kimiċi ta' speċjalità, żjut u lubrikanti. Houghton tbigħ il-prodotti tagħha lil numru kbir ta' industriji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8492 — Quaker/Global Houghton

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").